REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/130

tat-28 ta' Jannar 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 865/2006 fir-rigward tal-iżviluppi fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu u l-possibbiltà li jinħarġu permessi retrospettivi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([2]) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 338/97 u jiżgura l-konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) (il-Konvenzjoni).

(2) Ċerti riżoluzzjonijiet ġew adottati fid-19-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ("CoP19") fil-Belt tal-Panama fir-Repubblika tal-Panama mill-14 sal-25 ta' Novembru 2022 u ttieħdu deċiżjonijiet u saru rakkomandazzjonijiet fil-75 u fis-77 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tas-CITES.

(3) B'mod partikolari, fil-CoP19, intlaħaq qbil dwar ċerti bidliet għar-Riżoluzzjoni Conf. 10.16 (Rev. CoP19) li jemendaw id-definizzjoni ta' stokk għat-tgħammir. Dawk l-emendi jeħtieġ li jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni.

(4) Il-lista tar-referenzi standard għan-nomenklatura annessa mar-Riżoluzzjoni Conf. 12.11 (Rev. CoP19) li trid tintuża biex tindika l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet fil-permessi u fiċ-ċertifikati, ġiet aġġornata wkoll. Dawk il-bidliet jenħtieġ li jiġu riflessi fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(5) Id-deċiżjoni tal-CoP19 dwar bidla fin-nomenklatura jenħtieġ li tiġi riflessa wkoll fl-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(6) Il-CoP19 emendat ir-Riżoluzzjoni Conf. 12.3 fir-rigward ta' skopijiet differenti ta' tranżazzjoni u l-kodiċijiet li jridu jintużaw biex jiddeżinjaw dawk l-iskopijiet. Dawk l-emendi jenħtieġ li jiġu riflessi fl-Artikolu 5c tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 u fl-Anness IX ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, ir-Riżoluzzjoni Conf. 12.3 ġiet emendata billi ddaħħlu definizzjonijiet għall-kodiċijiet tal-iskop tat-tranżazzjoni Z, M, E, N u L. Dawk id-definizzjonijiet jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(7) Fil-75 u fis-77 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tas-CITES, il-linji gwida għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali ġew riveduti wkoll. Dawn jikkonsistu f'kodiċijiet riveduti li jridu jiġu inklużi fid-deskrizzjoni tal-eżemplari u tal-unitajiet ta' kejl li jridu jintużaw fil-permessi u fiċ-ċertifikati. Il-kodiċijiet riveduti u l-unitajiet ta' kejl jeħtieġ li jiġu riflessi fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(8) Ir-Riżoluzzjoni Conf. 11.17 (Rev. CoP19) stabbiliet l-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni bħala l-31 ta' Ottubru tas-sena ta' qabel kull Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni. L-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex l-iskadenzi intra-UE kollha għas-sottomissjonijiet tar-rapporti tal-Istati Membri jkunu l-15 ta' Ġunju sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissodisfa d-dmir ta' rapportar tagħha lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni sal-31 ta' Ottubru tas-sena inkwistjoni. L-emenda l-ġdida dwar is-sottomissjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni tiċċara r-referenza għall-Artikolu 15(4), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

([1]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/338/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/865/oj).

(9) Sabiex tiġi implimentata r-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15) u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat Permanenti tas-CITES fis-77 laqgħa tiegħu, ċerti dispożizzjonijiet u annessi jenħtieġ li jiġu emendati, u jenħtieġ li jiżdiedu aktar dispożizzjonijiet, kif ukoll Anness XIV ġdid mar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(10) Ir-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15) tiddikjara li l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu VII, il-paragrafu 4, tal-Konvenzjoni jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tar-reġistrazzjoni mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' operazzjonijiet li jnisslu fil-magħluq eżemplari ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal skopijiet kummerċjali.

(11) Fis-77 laqgħa tal-Kumitat Permanenti tas-CITES, ġie ddeterminat li l-Artikolu III u l-Artikolu VII, il-paragrafu 4, tal-Konvenzjoni ma kinux qed jiġu implimentati b'mod effettiv mill-Unjoni fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' operazzjonijiet li jnisslu fil-magħluq eżemplari tal-ispeċijiet tal-annimali tal-Appendiċi I għal skopijiet kummerċjali.

(12) Il-Kumitat Permanenti tas-CITES ħeġġeġ lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tas-CITES tal-Unjoni biex jiżguraw li l-faċilitajiet li jnisslu fil-magħluq eżemplari ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal skopijiet kummerċjali jiġu rreġistrati mas-Segretarjat tal-Konvenzjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15).

(13) Il-Kumitat Permanenti tas-CITES stieden ukoll lill-Partijiet għall-Konvenzjoni biex jirrestringu l-importazzjonijiet għal skopijiet primarjament kummerċjali ta' eżemplari ta' speċijiet tal-annimali mnissla fil-magħluq elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal eżemplari prodotti minn operazzjonijiet irreġistrati mas-Segretarjat tal-Konvenzjoni u biex jirrifjutaw kwalunkwe permess jew ċertifikat mogħti skont l-Artikolu VII, il-paragrafu 4, jekk l-eżemplari kkonċernati ma oriġinawx minn faċilità rreġistrata.

(14) Minħabba l-għadd potenzjalment sinifikanti ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet mas-Segretarjat tal-Konvenzjoni u ż-żmien meħtieġ mill-awtoritajiet nazzjonali u mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' permessi u ċertifikati għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għar-riesportazzjoni għal skopijiet kummerċjali ta' eżemplari ta' speċijiet tal-annimali li jitwieldu u jitnisslu fil-magħluq elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jenħtieġ li tiġi differita.

(15) Fl-aħħar nett, f'każijiet eċċezzjonali, għal eżemplari mejta esportati legalment elenkati fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, għal raġunijiet ta' proporzjonalità, jitħallew joħorġu permess ta' importazzjoni retrospettiv meta jkun hemm evidenza ta' żball ġenwin u meta t-tranżazzjoni tkun madankollu konformi mar-Regolament (KE) Nru 338/97, il-Konvenzjoni u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni.

(16) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 865/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(17) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Fawna u l-Flora Selvaġġi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 865/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-punt (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) "stokk għat-tgħammir" tfisser l-annimali kollha f'operazzjoni tat-tnissil li kienu jintużaw jew jintużaw għar-riproduzzjoni;";

(2) fl-Artikolu 5c, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-iskop ta' tranżazzjoni għandu jkun indikat permezz ta' wieħed mill-kodiċijiet fil-punt 1 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament. Meta l-aspetti mhux kummerċjali ma jkunux predominanti b'mod ċar, għandu jintuża l-kodiċi T għall-iskop tat-tranżazzjoni, ħlief fejn ikun hemm kodiċi alternattiv li jirrifletti b'mod aktar preċiż in-natura tat-tranżazzjoni bejn l-esportatur (jew ir-riesportatur) u l-importatur jew l-użu maħsub mill-importatur, f'liema każ għandu jintuża dak il-kodiċi l-ieħor.

Meta l-aspetti mhux kummerċjali tat-tranżazzjoni jkunu predominanti b'mod ċar, għandu jintuża l-kodiċi li jiddeskrivi bl-aħjar mod in-natura tat-tranżazzjoni jew l-użu maħsub.";

(3) fl-Artikolu 15(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fir-rigward ta' eżemplari importati jew (ri)esportati bħala effetti personali u domestiċi, li għalihom huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu XIV, fir-rigward ta' annimali ħajjin miżmuma għal proprjetà personali, li jinxtraw legalment u jinżammu għal skopijiet mhux kummerċjali, u, f'każijiet eċċezzjonali, fir-rigward ta' eżemplari mejta importati elenkati fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li huma esportati legalment, id-deroga prevista fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll fejn l-awtorità tal-ġestjoni kompetenti ta' Stat Membru, f'konsultazzjoni mal-awtorità ta' infurzar rilevanti, hija sodisfatta li hemm evidenza li sar żball ġenwin u li ma kien hemm l-ebda ħsieb ta' qerq u li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni (jew ir-riesportazzjoni) tal-eżemplari kkonċernati hija madankollu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 338/97, mal-Konvenzjoni u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Din id-deroga ma għandhiex tapplika jekk l-importatur jew l-esportatur (jew ir-riesportatur) ikun għamel żball simili qabel.";

(4) fl-Artikolu 20, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal permessi għall-importazzjoni għal skopijiet kummerċjali ta' eżemplari ta' speċijiet ta' annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni li jitwieldu u jitnisslu fil-magħluq sottomessi wara l-31 ta' Diċembru 2026, l-applikant għandu jissodisfa lill-awtorità tal-ġestjoni li l-eżemplar joriġina minn operazzjoni li tkun irreġistrata mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni għal dik l-ispeċi bħala operazzjoni li tnissel fil-magħluq eżemplari ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal skopijiet kummerċjali.";

(5) fl-Artikolu 26, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal permessi u ċertifikati għall-esportazzjoni u r-riesportazzjoni għal skopijiet kummerċjali ta' eżemplari ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni li jitwieldu u jitnisslu fil-magħluq sottomessi wara l-31 ta' Diċembru 2026, l-applikant għandu jissodisfa lill-awtorità tal-ġestjoni li l-eżemplar joriġina minn operazzjoni li tkun irreġistrata mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni għal dik l-ispeċi bħala operazzjoni li tnissel fil-magħluq eżemplari ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal skopijiet kummerċjali.";

(6) l-intestatura tal-Kapitolu XIII hija sostitwita b'dan li ġej:

"EŻEMPLARI MWIELDA U MNISSLA FIL-MAGĦLUQ, EŻEMPLARI MNISSLIN ARTIFIĊJALMENT U R-REĠISTRAZZJONI TA' OPERAZZJONIJIET LI JNISSLU FIL-MAGĦLUQ EŻEMPLARI TA' SPEĊIJIET TAL-ANNIMALI ELENKATI FL-APPENDIĊI I TAL-KONVENZJONI GĦAL SKOPIJIET KUMMERĊJALI";

(7) jiddaħħal l-Artikolu 54a li ġej:

"*Artikolu 54a*

Reġistrazzjoni ta' operazzjonijiet li jnisslu fil-magħluq eżemplari ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal skopijiet kummerċjali

1. Sabiex tiġi rreġistrata operazzjoni mas-Segretarjat tal-Konvenzjoni bħala operazzjoni li tnissel fil-magħluq eżemplari ta' speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal skopijiet kummerċjali, il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-operazzjoni (l-operatur) għandha tissottometti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni lill-awtorità tal-ġestjoni tal-Istat Membru li fih tkun tinsab l-operazzjoni. L-applikazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness XIV u għandha turi li l-operazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-istokk għat-tgħammir ikun stabbilit f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istat Membru fejn tinsab l-operazzjoni, b'mod mhux detrimentali għas-sopravivenza tal-ispeċijiet fl-ambjent naturali tagħhom;

(b) l-eżemplari prodotti mill-operazzjoni jikkwalifikaw bħala “mwielda u mnissla fil-magħluq” skont dan il-kapitolu;

(c) l-operatur jiżgura li tintuża sistema ta’ mmarkar xierqa u sigura biex jiġu identifikati b’mod ċar l-istokk għat-tgħammir u l-eżemplari kollha fil-kummerċ f’konformità mal-Artikolu 66;

(d) l-operazzjoni tagħti kontribut sinifikanti kontinwu abbażi tal-ħtiġijiet ta’ konservazzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati.

2. L-awtorità tal-ġestjoni tista’ tibgħat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, meta, f’konsultazzjoni mal-awtorità xjentifika, tkun sodisfatta li l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Anness XIV ġiet ipprovduta u li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1 huma ssodisfati, u li ma hemm l-ebda fattur ieħor relatat mal-konservazzjoni tal-ispeċijiet li jimmilitaw kontra r-reġistrazzjoni.

Ir-reġistrazzjoni għandha tidħol fis-seħħ meta l-operazzjoni tkun inkluża fir-reġistru tal-operazzjonijiet li jnisslu fil-magħluq eżemplari ta’ speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għal skopijiet kummerċjali, li jinżamm mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni (ir-Reġistru).

3. Jekk in-natura tal-operazzjoni jew it-tipi ta’ prodotti li jkunu qed jiġu prodotti għall-esportazzjoni jinbidlu, l-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità tal-ġestjoni biex tippermetti l-aġġornament tal-informazzjoni fir-Reġistru.

4. L-awtorità tal-ġestjoni, f’konsultazzjoni mal-awtorità xjentifika, tista’ titlob lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni jneħħi operazzjoni fil-ġuriżdizzjoni tagħha mir-Reġistru fuq talba tal-operatur jew jekk issir konxja li rekwiżit wieħed jew aktar għar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għadhomx issodisfati. Mid-data tat-talba tal-awtorità tal-ġestjoni, l-ebda permess ta’ esportazzjoni jew ċertifikat ta’ riesportazzjoni għall-eżemplari ta’ speċijiet tal-annimali elenkati fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni ma għandu jingħata għal dik l-operazzjoni.

Ir-reġistrazzjoni ma għandhiex tibqa’ valida meta l-operazzjoni titneħħa mir-Reġistru mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.”;

(8) fl-Artikolu 65, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Il-permessi ta’ esportazzjoni għandhom jinħarġu fir-rigward ta’ vertebrati ħajjin ta’ speċi elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 338/97 biss meta l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità tal-ġestjoni kompetenti li r-rekwiżiti rilevanti stipulati fl-Artikolu 66 ta’ dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati. Dan ma japplikax għal eżemplari ta’ speċijiet elenkati fl-Anness X ta’ dan ir-Regolament, sakemm:

a) annotazzjoni fl-Anness X ma tippreskrivix l-immarkar;

b) l-eżemplari ma tnisslux f’operazzjoni tat-tnissil inkluża fir-Reġistru.”;

(9) fl-Artikolu 66, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Għall-iskopijiet tal-Artikolu 33(1), tal-Artikolu 40(1), tal-Artikolu 54a, tal-Artikolu 59(5) u tal-Artikolu 65(4), għandhom japplikaw il-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu.”;

(10) l-Artikolu 69 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 69*

Rapporti dwar l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-riesportazzjonijiet u dwar l-implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru *data* dwar l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u l-esportazzjonijiet u r-riesportazzjonijiet minnha li kienu saru fuq il-bażi ta’ permessi u ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet tal-ġestjoni tagħhom, irrispettivament mill-punt reali tad-dħul jew ta’ (ri)esportazzjoni.

L-Istati Membri għandhom, f’konformità mal-Artikolu 15(4), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 338/97, jirrapportaw dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, għal sena kalendarja, f’konformità mal-iskeda ta’ żmien stabbilita fil-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu, għall-ispeċijiet elenkati fl-Annessi A, B u C tar-Regolament (KE) Nru 338/97, f’forma kompjuterizzata u f’konformità mal-Linji Gwida għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tar-rapporti annwali ta’ CITES maħruġa mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'żewġ partijiet separati, kif ġej:

(a) parti dwar l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-riesportazzjonijiet ta' eżemplari tal-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni;

(b) parti dwar l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-riesportazzjonijiet ta' eżemplari ta' speċijiet oħrajn elenkati fl-Annessi A, B u C tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u dwar id-dħul fl-Unjoni ta' eżemplari tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness D ta' dak ir-Regolament.

3. Fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' vjeġġi li jkollhom annimali ħajjin, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun possibbli, iżommu rekords tal-perċentwali ta' eżemplari tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi A u B tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li kienu mejtin waqt id-dħul tagħhom fl-Unjoni.

4. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(4), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 338/97 għandha tinkludi dettalji dwar il-miżuri leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi meħudin għall-implimentazzjoni u għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 338/97 u dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll dwar dan li ġej:

(a) il-persuni u l-korpi rreġistrati f'konformità mal-Artikoli 18 u 19 ta' dan ir-Regolament;

(b) l-istituzzjonijiet xjentifiċi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 60 ta' dan ir-Regolament;

(c) in-nissiela approvati f'konformità mal-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament;

(d) l-impjanti għall-ippakkjar (mill-ġdid) tal-kavjar li jingħataw il-liċenzja f'konformità mal-Artikolu 66(7) ta' dan ir-Regolament;

(e) l-użu tagħhom ta' ċertifikati fitosanitarji f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament;

(f) każijiet fejn inħarġu permessi ta' esportazzjoni u ċertifikati ta' riesportazzjoni b'mod retrospettiv f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza, għandha tiġi ppreżentata f'forma kompjuterizzata u f'konformità mal-"Format tar-Rapport ta' Implimentazzjoni" maħruġ mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni u emendat mill-Kummissjoni u għandha tikkorrispondi mal-perjodu ta' 3 snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu, jekk ma tkunx inkluża fil-komunikazzjoni skont l-Artikolu 15(4), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jew fin-notifika skont l-Artikolu 66(7) ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi ppreżentata f'forma kompjuterizzata flimkien mal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 15(4), il-punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni għal kull sena kalendarja qabel il-15 ta' Ġunju tas-sena ta' wara skont l-ispeċi u għal kull pajjiż (ri)esportatur.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza, għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ġunju tas-sena ta' qabel is-sena ta' kull laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni.";

(11) l-Annessi VII, VIII u IX huma sostitwiti bit-test fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament;

(12) fl-Anness X, l-entrata *Psephotus dissimilis* hija sostitwita bl-entrata *Psephotellus dissimilis*.

(13) jiżdied l-Anness XIV, kif stabbilit fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS 1

"ANNESS VII

Kodiċijiet li jridu jiġu inklużi fid-deskrizzjoni tal-eżemplari u unitajiet ta' kejl li jridu jintużaw fil-permessi u fiċ-ċertifikati skont l-Artikolu 5(1) u (2).

Deskrizzjoni	Kodiċi tat-term. kumm.	Unità ppreferuta	Unità alternattiva	Spjegazzjoni
frenża tal-lanżit tal-balieni	BAL	kg	nru.	freneż elastiċi tal-keratina max-xedaq ta' fuq tal-balieni (*Mysticeti*) li jippermettulhom jieklu
qoxra	BAR	kg		qoxra ta' siġra (naturali, imnixxfa jew f'forma ta' trab; mhux ipproċessata)
ġisem	BOD	nru.	kg	annimali mejtin sostanzjalment sħaħ, inkluż ħut sħiħ, fkieren ibbalzmati, friefet ippreservati, rettili fl-alkoħol, trofej tal-kaċċa sħaħ ibbalzmati, eċċ. Jekk issir referenza għal eżemplari ta' klieb il-baħar u ta' raj (*Elasmobranchii* spp.), l-unità ppreferuta hija kg.
għadam	BON	kg	nru.	għadam, inkluż ixdqa
kalipi	CAL	kg		kalipi jew kalipax (il-qarquċa tal-fekruna tal-baħar għas-soppa)
karapaċa	CAP	nru.	kg	qxur sħaħ naturali jew mhux maħduma tal-ispeċijiet *Testudines*.
tinqix	CAR	kg	nru.	prodotti mnaqqxa għajr l-avorju, l-għadam jew il-qarn – pereżempju l-qroll u l-injam (inkluż oġġetti magħmula bl-idejn). N.B: It-tinqix tal-avorju għandu jiġi speċifikat bħala tali (ara hawn taħt – "IVC"). Barra minn hekk, għall-ispeċijiet li minnhom jistgħu jitnaqqxu iktar minn tip ta' prodott wieħed (eż. qarn u għadam), il-kodiċi tat-terminu kummerċjali għandu jindika t-tip ta' prodott fil-kummerċ (eż. tinqix tal-għadam "BOC" jew tinqix tal-qarn "HOC"), fejn possibbli.
tinqix – għadam	BOC	kg	nru.	tinqix tal-għadam
tinqix – qarn	HOC	kg	nru.	tinqix tal-qarn
tinqix – avorju (avorju maħdum)	IVC	kg	nru.	tinqix tal-avorju, inkluż eż. biċċiet maħduma żgħar tal-avorju (imqabad tas-skieken, settijiet taċ-ċess, settijiet tal-mahjong, eċċ.). N.B. In-nejba sħiħa mnaqqxa għandha tiġi rrapportata bħala tinqix – avorju (IVC) mhux bħala nejbiet (ara "TUS" hawn taħt). Il-ġojjellerija li ssir mill-avorju mnaqqax għandha tiġi rrapportata bħala "ġojjellerija – avorju" (ara "IJW" hawn taħt).
kavjar	CAV	kg		bajd mejjet u mhux fertilizzat ipproċessat mill-ispeċijiet kollha ta' *Acipenseriformes*; magħruf ukoll bħala "roe" (għenieqed ta' bajd).
laqx (laqx tal-injam)	CHP	kg		laqx tal-injam, speċjalment *Aquilaria* spp., *Gyrinops* spp. u *Pterocarpus santalinus*
difer	CLA	nru.	kg	dwiefer – eż. ta' Felidae, Ursidae jew Crocodylia (NB: id-"dwiefer tal-fkieren tal-baħar" normalment ikunu qxur u mhux dwiefer reali)

Deskrizzjoni	Kodiċi tat-term. kumm.	Unità ppreferuta	Unità alternattiva	Spjegazzjoni
drapp	CLO	m2	kg	drapp – jekk id-drapp ma jkunx magħmul kollu kemm hu mix-xagħar ta' speċi tas-CITES, il-piż tax-xagħar tal-ispeċi kkonċernata għandu jiġi rreġistrat, jekk ikun possibbli, taħt "HAI"
qroll (naturali)	COR	nru.	kg	qroll u blat tal-qroll naturali jew mhux maħdum (kif ukoll blat ħaj u substrat) [kif definit fir-Riżoluzzjoni Conf. 11.10 (Rev. CoP15)]. Il-blat tal-qroll għandu jiġi rreġistrat bħala "*Scleractinia* spp." NB: il-kummerċ għandu jiġi rreġistrat bin-numru ta' biċċiet biss jekk l-eżemplari tal-qroll jiġu ttrasportati fl-ilma. Il-blat ħaj (ittrasportat bl-indewwa fil-kaxxi) għandu jiġi rrapportat f'kg; is-substrat tal-qroll għandu jiġi rrapportat bin-numru ta' biċċiet (billi dawn jiġu ttrasportati fl-ilma bħala s-substrat li miegħu jkun imqabbad il-qroll mhux tas-CITES).
kożmetiċi	COS	g	ml	*Kwalunkwe prodott jew taħlita ta' prodotti li jiġu applikati ma' parti esterna tal-ġisem biss (eż. ġilda, xagħar, dwiefer, ġenitali, xofftejn, snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali) bl-intenzjoni li jnaddfu, ifewħu, ibiddlu d-dehra jew jipproteġu. Il-kożmetiċi jistgħu jinkludu dan li ġej: make-up, fwieħa, krema tal-ġilda, lostru tad-dwiefer, koloranti tax-xagħar, sapun, xampù, krema tat-tqaxxir tal-leħja, deodorant, prodotti għall-protezzjoni mix-xemx, toothpaste.* Kożmetiċi li fihom estratti ta' speċijiet elenkati fis-CITES. Il-kwantità għandha tirrifletti l-ammont ta' speċijiet preżenti li huma elenkati fis-CITES.
kultura	CUL	nru. ta' flasks, eċċ.		kulturi ta' pjanti mnisslin artifiċjalment
derivattivi	DER	kg/l		derivattivi (għajr dawk inklużi xi mkien ieħor f'din it-tabella)
pjanti mnixxfin	DPL	nru.		pjanti mnixxfin – eż. eżemplari ta' erbarju
widna	EAR	nru.		widnejn – ġeneralment tal-iljunfanti
bajd	EGG	nru.	kg	bajd sħiħ mejjet jew imbattal (ara wkoll "kavjar")
bajd (ħaj)	EGL	nru.	kg	bajd ħaj fertilizzat – ġeneralment ta' għasafar u ta' rettili, iżda jinkludi wkoll il-ħut u l-invertebrati

Deskrizzjoni	Kodiċi tat-term. kumm.	Unità ppreferuta	Unità alternattiva	Spjegazzjoni
qoxra ta' bajda	ESH	g/kg		qoxra ta' bajda naturali jew mhux maħduma, għajr bajd sħiħ
estratt	EXT	kg	l	estratt – ġeneralment estratti ta' pjanti
rixa	FEA	kg/nru. ta' ġwienaħ	nru.	rix – fil-każ ta' oġġetti (eż. stampi) magħmula mir-rix, irreġistra n-numru ta' oġġetti
fibra	FIB	kg	m	fibra naturali: terminu ġeneriku għal diversi tipi ta' materjali ta' oriġini naturali (jiġifieri pjanti jew annimali). Il-fibra tal-annimali normalment tista' tingħażel u tiġi minsuġa u normalment tkun fina ħafna u jkollha flessibbiltà tajba. – eż. fibra li ġejja mill-ġeżż ta' vikunji ħajjin. Jinkludi wkoll fibri minn intestini tal-annimali li jintużaw għall-kordi tar-rakketti tat-tennis
pinna (imnixxfa)	DFN	kg		pinen u biċċiet ta' pinen imnixxfa (inkluż flipers)
pinna (imxarrba)	FFN	kg		pinen u biċċiet ta' pinen friski, imkessħa jew iffriżati (inkluż flipers)
ħut immatur	FIG	kg	nru.	ferħ tal-ħut ħaj għall-kummerċ tal-akkwarji, għall-akkwakultura, għall-imfaqas, għall-konsum jew għar-rilaxx, inkluż is-sallur Ewropew ħaj (*Anguilla anguilla*) sa tul ta' 12 cm
fjura	FLO	kg		fjuri
qasrija għall-fjuri	FPT	nru.		qsari għall-fjuri magħmula minn partijiet ta' pjanta – eż. fibri tad-diksonja (NB: pjanti ħajjin ikkummerċjalizzati fl-hekk imsejħa "qsari tal-komunità" għandhom jiġu rreġistrati bħala "pjanti ħajjin", mhux bħala qsari għall-fjuri)
saqajn taż-żrinġijiet	LEG	kg		saqajn taż-żrinġijiet
frott	FRU	kg		frott
sieq	FOO	nru.		saqajn – eż. tal-iljunfanti, tar-rinoċeronti, tal-ippopotami, tal-iljuni, tal-kukkudrilli, eċċ.
prodotti tal-fer (kbar)	FPL	nru.		prodotti manifatturati kbar tal-fer – eż. gvieret tal-fer tal-ors jew tal-linċi, jew prodotti oħra tal-fer ta' daqs sostanzjali.
prodott tal-fer (żgħir)	FPS	nru.		prodotti manifatturati żgħar tal-fer – inkluż basktijiet tal-idejn, ornamenti għaċ-ċwievet, portmonijiet, imħaded, tirqim, eċċ.
marrara	GAL	kg		marrara
bużżieqa tal-marrara	GAB	nru.	kg	bużżieqa tal-marrara
ħwejjeġ	GAR	nru.		ħwejjeġ – inkluż ingwanti u kpiepel, iżda mhux żraben. Inkluż ukoll tirqim jew tiżjin fuq il-ħwejjeġ
organi ġenitali	GEN	kg	nru.	organi ġenitali maskili kastrati u mnixxfa
skwami tal-garġi	GIL	kg	nru.	skwami tal-garġi (eż. għall-klieb il-baħar)
għerq għat-tilqim	GRS	nru.		għeruq għat-tilqim (mingħajr it-tilqim)

Deskrizzjoni	Kodiċi tat-term. kumm.	Unità ppreferuta	Unità alternattiva	Spjegazzjoni
xagħar	HAI	kg	g	jinkludi x-xagħar kollu mhux ipproċessat tal-annimali, eż. tal-iljunfant, tal-jak, tal-gwanako, tal-lupu, tal-ors, tal-pantera, eċċ.
prodotti tax-xagħar	HAP	nru.	g	prodotti magħmula mix-xagħar (eż. brazzuletti tax-xagħar tal-iljunfanti)
qarn	HOR	nru.	kg	qrun – inkluż il-qrun imsaġġar
ġojjellerija	JWL	nru.	g	ġojjellerija – inkluż brazzuletti, ġiżirani, u oġġetti oħra tal-ġojjellerija minn prodotti għajr l-avorju (eż. injam, qroll, eċċ.)
ġojjellerija – avorju (avorju maħdum)	IJW	nru.	g	ġojjellerija magħmula mill-avorju – inkluż l-ekipas
qalba	KNL	kg		magħrufa wkoll bħala “endosperma”, “polpa” jew “kopra”
prodott tal-ġilda (kbir)	LPL	nru.		prodotti manifatturati kbar tal-ġilda – eż. valiġġetti, għamara, bagalji, sniedaq tal-ivvjaġġar
prodott tal-ġilda (żgħir)	LPS	nru.		prodotti manifatturati żgħar tal-ġilda – eż. ċinturini, qfieli, sruġ tar-roti, portafolli għaċ-ċekkijiet jew għall-karti tal-kreditu, basktijiet tal-idejn, ornamenti għaċ-ċwievet, notebooks, portmonijiet, żraben, boroż tat-tabakk, kartieri, ċineġ tal-arloġġi u tirqim
ħaj	LIV	nru.	kg	annimali u pjanti ħajjin, għajr il-ħut immatur ħaj – ara FIG
werqa	LVS	kg	nru.	weraq
zkuk tas-siġar	LOG	m3		l-injam kollu mhux maħdum, bil-qoxra jew mingħajru, imnixxef jew le, jew kwadrat fuq fuq, għall-ipproċessar speċifikament f’injam isserrat, f’polpa tal-injam jew f’fuljetti. NB: il-kummerċ ta’ zkuk tal-injam maqtugħin għal skop speċjali kkummerċjalizzati skont il-piż (eż. *lignum vitae*, *Guaniacum* spp.) għandu jiġi rreġistrat f’kg
laħam	MEA	kg		laħam, inkluż il-laħam tal-ħut jekk mhux sħiħ (ara “ġisem”), il-laħam frisk jew mhux ipproċessat, kif ukoll il-laħam ipproċessat (eż. affumikat, nej, imnixxef, iffriżat jew fil-landa) Il-kodiċi għal-laħam (MEA) għandu jintuża bi preferenza għall-kummerċ tas-sallur għall-konsum mill-bniedem.
mediċina	MED	kg/l		mediċina
misk	MUS	g		misk
żejt	OIL	kg	l	żejt – eż. mill-fkieren tal-baħar, mill-bumerini, mill-balieni, mill-ħut, minn pjanti varji
ġawhra	PRL	nru.		ġawhra (eż. għal *Strombus gigas*)
noti tal-pjanu (avorju maħdum)	KEY	nru.		noti tal-pjanu tal-avorju (eż. pjanu standard ikun fih 52 nota tal-avorju)
biċċa – għadam	BOP	kg		biċċiet tal-għadam, mhux manifatturati

Deskrizzjoni	Kodiċi tat-term. kumm.	Unità ppreferuta	Unità alternattiva	Spjegazzjoni
biċċa – qarn	HOP	kg		biċċiet tal-qarn, mhux manifatturati – inkluż skart
biċċa – avorju (avorju mhux maħdum)	IVP	kg		biċċiet tal-avorju, mhux manifatturati – inkluż skart
dvalja	PLA	m2		dvalji b'diversi tipi ta' ġilda – inkluż twapet jekk ikunu magħmulin minn diversi tipi ta' ġilda
plywood	PLY	m2	m3	materjal magħmul minn tliet folji tal-injam jew iktar, inkollati u ppressati ma' xulxin, u ġeneralment imqiegħda b'mod li l-vini tas-saffi suċċessivi jiġu f'angolu
trab	POW	kg		sustanza niexfa u solida fil-forma ta' partikuli fini jew raffi
pupa	PUP	nru.		pupi tal-friefet
għerq	ROO	nru.	kg	għeruq, basal, basal tuberuż jew tuberi NB: Għall-unitajiet tassonomiċi *Aquilaria* spp. u *Gyrinops* spp. li jipproduċu l-injam tal-agar, l-unità ppreferuta hija "kg". L-unità alternattiva hija "nru.".
tapit	RUG	nru.		twapet
rostru tal-pixxisega	ROS	nru.	kg	rostru tal-pixxisega
injam isserrat	SAW	m3		injam sempliċement isserrat mit-tul jew prodott minn proċess ta' tixlif fuq il-profil; normalment bi ħxuna ta' iktar minn 6 mm. NB: il-kummerċ tal-injam isserrat għal skop speċjali kkummerċjalizzat skont il-piż (eż. *lignum vitae, Guaiacum* spp.) għandu jiġi rreġistrat f'kg
qoxra	SCA	kg		qxur – eż. tal-fkieren tal-baħar, ta' rettili oħra, tal-ħut, tal-pangolini
żerriegħa	SEE	kg		żrieragħ
qoxra	SHE	nru.	kg	qxur naturali jew mhux maħduma tal-molluski
ġenb	SID	nru.		ġnub jew partijiet laterali tal-ġlud; mhux inklużi oqsfa *Tinga* tal-kukkudrilli (ara taħt "ġilda")
skeletru	SKE	nru.		skeletri sostanzjalment sħaħ
ġilda	SKI	nru.		ġlud sostanzjalment sħaħ, naturali jew ikkunzati, inkluż il-ġlud ħoxnin tal-oqfsa *Tinga* tal-kukkudrilli, it-tirqim estern tal-ġisem, bil-qxur jew mingħajrhom
biċċa tal-ġilda	SKP	kg	nru.	biċċiet tal-ġilda – inkluż skart, naturali jew ikkunzat
kranju	SKU	nru.		kranji
soppa	SOU	kg	l	soppa – eż. tal-fkieren tal-baħar

Deskrizzjoni	Kodiċi tat-term. kumm.	Unità ppreferuta	Unità alternattiva	Spjegazzjoni
eżemplar (xjentifiku)	SPE	kg/l/ml/ nru.		eżemplari xjentifiċi – inkluż demm, tessut (eż. kilwa, milsa, eċċ.), preparazzjonijiet istoloġiċi, eżemplari ppreservati għall-mużewijiet, eċċ.
zokk ta' pjanta	STE	nru.	kg	zkuk tal-pjanti NB: Għall-unitajiet tassonomiċi *Aquilaria* spp. u *Gyrinops* spp. li jipproduċu l-injam tal-agar, l-unità ppreferuta hija "kg". L-unità alternattiva hija "nru.".
bużżieqa tal-ħut	SWI	kg		organu idrostatiku, inkluż isinglass / kolla tal-isturjun
denb	TAI	nru.	kg	dnieb – eż. tal-kajman (għall-ġilda) jew tal-volpi (għat-tirqim tal-ħwejjeġ, kullari, boas, eċċ.), inkluż id-dnieb taċ-ċetaċji.
ħajt	THD	kg		ħajt – ħajta twila pproċessata ta' diversi xagħar jew fibri ta' oriġini naturali (eż. pjanti jew annimali), eż. tal-vikunja, tal-gwanako
sinna	TEE	nru.	kg	snien – eż. tal-balieni, tal-iljuni, tal-ipoppotami, tal-kukkudrilli, eċċ.
injam	TIM	m3	kg	injam mhux maħdum għajr zkuk tas-siġar isserrati, injam isserrat u injam ittrasformat
injam ittrasformat	TRW	m3	kg	definit fil-kodiċi 44.09 tas-Sistema Armonizzata: Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parquet, mhux immuntat) b'forma kontinwa (mudullun, gruvjat, ingastat-V, imżebbeġ jew hekk) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le.
trofew	TRO	nru.		trofej – il-partijiet kollha tat-trofej ta' annimal wieħed jekk jiġu esportati flimkien: eż. il-qrun (2), il-kranju, il-ġilda tar-ras u tal-għonq, il-ġilda tad-dahar, id-denb u s-saqajn (jiġifieri għaxar eżemplari) jikkostitwixxu trofew wieħed. Iżda, jekk pereżempju l-kranju u l-qrun huma l-uniċi eżemplari ta' annimal li jiġu esportati, dawn l-oġġetti flimkien għandhom jiġu rreġistrati bħala trofew wieħed. Inkella l-oġġetti għandhom jiġu rreġistrati separatament. Ġisem sħiħ ibbalzmat jiġi rreġistrat taħt "BOD". Ġilda weħidha tiġi rreġistrata taħt "SKI". Il-kummerċ ta' "muntatura sħiħa", ta' "muntatura tal-ispallejn" u ta' "nofs muntatura", flimkien ma' kwalunkwe parti korrispondenti tal-istess annimal esportati flimkien bl-istess liċenzja, għandu jiġi rrapportat bħala "1 TRO".

Deskrizzjoni	Kodiċi tat-term. kumm.	Unità ppreferuta	Unità alternattiva	Spjegazzjoni
proboxxide	TRU	nru.	kg	proboxxide tal-iljunfant. N.B.: Proboxxide tal-iljunfant esportata ma' oġġetti ta' trofej oħra mill-istess annimali bl-istess liċenzja bħala parti minn trofew tal-kaċċa għandha tiġi rrapportata bħala "TRO".
nejba (avorju mhux maħdum)	TUS	nru.	kg	nejbiet sostanzjalment sħaħ, mhux maħduma. Inkluż nejbiet tal-iljunfanti, tal-ippopotami, tal-walrus, tan-narwhal, iżda mhux snien oħra – N.B. In-nejbiet sħaħ imnaqqxin għandhom jiġu rrapportati bħala tinqix – avorju (ara "IVC" hawn fuq).
fuljetti — fuljetti rotatorji — fuljetti mqattgħin	VEN VEN	m3 m2	kg kg	saffi jew pjanċi rqaq tal-injam ta' ħxuna uniformi, normalment ta' 6 mm jew inqas, normalment imqaxxra (fuljetti rotatorji) jew imqattgħin (fuljetti mqattgħin), għall-użu fil-produzzjoni tal-plywood, għall-għamara bil-fuljetti, għall-kontenituri bil-fuljetti, eċċ.
xama'	WAX	kg		xama'
prodott tal-injam	WPR	nru.	kg	prodotti tal-injam manifatturati, inkluż prodotti tal-injam lesti bħall-għamara jew l-istrumenti mużikali.

Didaskalija tal-unitajiet tal-kejl

Unità tal-kejl	Kodiċi tal-unità
grammi	g
kilogrammi	kg
litri	l
ċentimetri kubi	cm^3
millilitri	ml
metri	m
metri kwadri	m^2
metri kubi	m^3
numru ta' eżemplari	nru.

NB : Jekk ma tiġi speċifikata ebda unità tal-kejl, wieħed għandu jassumi li l-unità tkun in-numru (eż. ta' annimali ħajjin).

Referenzi standard għan-nomenklatura li għandhom jintużaw skont l-Artikolu 5(4) sabiex jindikaw l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet fil-permessi u fiċ-ċertifikati

FAWNA

		Unità tassonomika kkonċernata	Referenza tassonomika
MAMMALIA			
		L-unitajiet tassonomiċi kollha tal-MAMMALIA — għajr ir-rikonoxximent tal-ismijiet li ġejjin għall-forom selvaġġi tal-ispeċijiet (minflok l-ismijiet għall-forom domestiċi): *Bos gaurus*, *Bos mutus*, *Bubalus arnee*, *Equus africanus*, *Equus przewalskii*, u — għajr l-unitajiet tassonomiċi mniżżla taħt l-ordnijiet differenti tal-Mammalia hawn taħt	Wilson, D. E. & Reeder, D. M. (ed.) (2005). *Mammal Species of the World. A Taxonomic and Geographic Reference*. It-tielet edizzjoni, Vol. 1–2, xxxv + 2142 pp. Baltimore (John Hopkins University Press).
ARTIODACTYLA	Bovidae	*Ovis* spp.	Valdez, R. & Weinberg, P.J. (2011). Species accounts 188-207 for *Ovis* spp., pp. 727-739 f'Wilson, D.E., & Mittermeier, R.A. (eds.), *Handbook of the Mammals of the World. Vol.2. Hoofed Mammals*. Lynx Edicions, Barċellona. ISBN 978-84-96553-77-4.
	Camelidae	*Lama guanicoe*	Wilson, D. E. & Reeder, D. M. (1993): *Mammal Species of the World: a Taxonomic and Geographic Reference*. It-tieni edizzjoni. xviii + 1207 pp., Washington (Smithsonian Institution Press).
CARNIVORA	Felidae	Felidae spp.,	Kitchener A. C., Breitenmoser-Würsten CH., Eizirik E., Gentry A., Werdelin L., Wilting A., Yamaguchi N., Abramov A. V., Christiansen P., Driscoll C., Duckworth J. W., Johnson W., Luo S.-J., Meijaard E., O'Donoghue P., Sanderson J., Seymour K., Bruford M., Groves C., Hoffmann M., Nowell K., Timmons Z. & Tobe S. (2017). A revised taxonomy of the Felidae. The final report of the Cat Classification Task Force of the IUCN/SSC Cat Specialist Group. *Cat News* Ħarġa Speċjali 11, 80 pp.

		Unità tassonomika kkonċernata	Referenza tassonomika
	Mustelidae: Lutrinae	*Aonyx cinereus*	Larivière, S., & Jennings, A.P. 2009. Species account 37 for Asian Small-clawed Otter *Aonyx cinereus*, p. 647 f'Wilson, D.E., & Mittermeier, R.A. (eds.), *Handbook of the Mammals of the World. Vol.1. Carnivores*. Lynx Edicions, Barċellona. ISBN 978-84-96553-49-1.
CETACEA	Balaenopteridae	*Balaenoptera omurai*	Wada, S., Oishi, M. & Yamada, T. K. (2003). A newly discovered species of living baleen whales. – *Nature*, **426**: 278-281.
	Delphinidae.	*Orcaella heinsohni*	Beasly, I., Robertson, K. M. & Arnold, P. W. (2005). Description of a new dolphin, the Australian Snubfin Dolphin, *Orcaella heinsohni* sp. n. (Cetacea, Delphinidae). – *Marine Mammal Science*, **21** (3): 365-400.
	Delphinidae.	*Sotalia fluviatilis* *Sotalia guianensis*	Caballero, S., Trujillo, F., Vianna, J. A., Barrios-Garrido, H., Montiel, M. G., Beltrán-Pedreros, S., Marmontel, M., Santos, M. C., Rossi-Santos, M. R. & Baker, C. S. (2007). Taxonomic status of the genus *Sotalia*: species level ranking for "tucuxi" (*Sotalia fluviatilis*) and "costero" (*Sotalia guianensis*) dolphins. - *Marine Mammal Science*, **23**: 358-386.
	Delphinidae.	*Sousa plumbea* *Sousa sahulensis*	Jefferson, T. A.& Rosenbaum, H. C. (2014). Taxonomic revision of the humpback dolphins (*Sousa* spp.), and description of a new species from Australia. *Marine Mammal Science*, **30** (4): 1494-1541.
	Delphinidae.	*Tursiops australis*	Charlton-Robb, K., Gershwin, L.-A., Thompson, R., Austin, J., Owen, K. & McKechnie, S. (2011). A new dolphin species, the Burrunan Dolphin *Tursiops australis* sp. nov., endemic to southern Australian coastal waters. *PLoS ONE*, **6** (9): e24047.
	Iniidae	*Inia araguaiaensis*	Hrbek, T., da Silva, V. M. F., Dutra, N., Gravena, W., Martin, A. R. & Farias, I. P. (2014): A new species of river dolphin from Brazil or: *How little do we know our biodiversity. PLoS ONE* **83623**: 1-12.
	Phocoenidae	*Neophocaena asiaeorientalis*	Jefferson, T. A. & Wang, J. Y. (2011). Revision of the taxonomy of finless porpoises (genus *Neophocaena*): The existence of two species. *Journal of Marine Animals and their Ecology*, **4** (1): 3-16.
	Physeteridae	*Physeter macrocephalus*	Rice, D. W. (1998). Marine Mammals of the World: Systematics and Distribution - *Society of Marine Mammalogy* , Pubblikazzjoni Speċjali Numru **4**, The Society for Marine Mammalogy, Lawrence, Kansas.
	Platanistidae	*Platanista gangetica*	Rice, D. W. (1998). Marine Mammals of the World: Systematics and Distribution - *Society of Marine Mammalogy*, Pubblikazzjoni Speċjali Numru **4**, The Society for Marine Mammalogy, Lawrence, Kansas.
	Ziphiidae	*Mesoplodon hotaula*	Dalebout, M. L., Scott Baker, C., Steel, D., Thompson, K., Robertson, K. M., Chivers, S. J., Perrin, W. F., Goonatilake, M., Anderson, C. R., Mead, J. G., Potter, C. W., Thompson, L., Jupiter, D. & Yamada, T. K. (2014). Resurrection of *Mesoplodon hotaula* Deraniyagala 1963: A new species of beaked whale in the tropical Indo-Pacific. *Marine Mammal Science*, **30** (3): 1081-1108.

		Unità tassonomika kkonċernata	Referenza tassonomika
PRIMATES	Aotidae	*Aotus jorgehernandezi*	Defler, T. R. & Bueno, M. L. (2007). *Aotus* diversity and the species problem. – *Primate Conservation*, **22**: 55-70.
	Aotidae	*Aotus lemurinus* (inkl. *A. hershkovitzi*)	Mittermeier, R.A., Rylands, A.B., & Wilson, D.E. 2013. *Handbook of the Mammals of the World: Volum 3. Primates*. Lynx Edicions, Barċellona.
	Atelidae	*Alouatta palliata* (inkl. *A. coibensis*)	Ruiz-García, M., Cerrón, Á., Sánchez-Castillo, S., Rueda-Zozaya, P., Pinedo-Castro, M., Gutierrez-Espeleta, G. & Shostell, J.M. (2017): Phylogeography of the Mantled Howler Monkey (*Alouatta palliata*; Atelidae, Primates) across its geographical range by means of mitochondrial genetic analyses and new insights about the phylogeny of *Alouatta*. *Folia Primatologica* 88: 421-454
	Atelidae	*Ateles geoffroyi*	Rylands, A. B., Groves, C. P., Mittermeier, R. A., Cortes-Ortiz, L. & Hines, J. J. (2006). Taxonomy and distributions of Mesoamerican primates. Fi: A. Estrada, P. Garber, M. Pavelka u L. Luecke (eds), *New Perspectives in the Study of Mesoamerican Primates: Distribution, Ecology, Behavior and Conservation,* pp. 29–79. Springer, New York, l-Istati Uniti.
	Cebidae	*Callithrix manicorensis*	Garbino, T. & Siniciato, G. (2014). The taxonomic status of *Mico marcai* (Alperin 1993) and *Mico manicorensis* (van Roosmalen *et al*. 2000) (Cebidae, Callitrichinae) from Southwestern Brazilian Amazonia. *International Journal of Primatology*, **35** (2): 529-546. (għall-*Mico marcai* agglomerat mal-*Mico manicorensis* ittrattat bħala *Callithrix manicorensis* skont is-CITES]
	Cebidae	*Cebus flavius*	Oliveira, M. M. de & Langguth, A. (2006). Rediscovery of Marcgrave's Capuchin Monkey and designation of a neotype for *Simia flava* Schreber, 1774 (Primates, Cebidae). – Boletim do Museu Nacional do Rio de Janeiro, N.S., *Zoologia*, **523**: 1-16.
	Cebidae	*Mico rondoni*	Ferrari, S. F., Sena, L., Schneider, M. P. C. & Júnior, J. S. S. (2010). Rondon's Marmoset, *Mico rondoni* sp. n., from southwestern Brazilian Amazonia. *International Journal of Primatology*, **31**: 693-714.
	Cebidae	*Saguinus ursulus*	Gregorin, R. & de Vivo, M. (2013). Revalidation of *Saguinus ursula* Hoffmannsegg (Primates: Cebidae: Callitrichinae). *Zootaxa*, **3721** (2): 172-182.
	Cebidae	*Saimiri collinsi*	Merces, M. P., Alfaro, J. W. L., Ferreira, W. A. S., Harada, M. L. & Júnior, J. S. S. (2015). Morphology and mitochondrial phylogenetics reveal that the Amazon River separates two eastern squirrel monkey species: *Saimiri sciureus* and *S. collinsi*. *Molecular Phylogenetics and Evolution*, **82**: 426-435.
	Cercopithecidae	*Allochrocebus lhoesti* *Allochrocebus preussi* *Allochrocebus solatus*	Mittermeier, R.A., Rylands, A.B., & Wilson, D.E. 2013. *Handbook of the Mammals of the World: Volum 3. Primates*. Lynx Edicions, Barċellona.

	Unità tassonomika kkonċernata	Referenza tassonomika
Cercopithecidae	*Cercopithecus lomamiensis*	Hart, J.A., Detwiler, K.M., Gilbert, C.C., Burrell, A.S., Fuller, J.L., Emetshu, M., Hart, T.B., Vosper, A., Sargis, E.J. & Tosi, A.J. (2012). Lesula: A new species of *Cercopithecus* monkey endemic to the Democratic Republic of Congo and implications for conservation of Congo's Central Basin. *PLoS ONE*, **7** (9): e44271.
Cercopithecidae	*Macaca leucogenys*	Li, C., Zhao, C., & Fan, P.F. (2015). White-cheeked macaque (*Macaca leucogenys*): A new macaque species from Modog, southeastern Tibet. *American Journal of Primatology*, 77:753-766.
Cercopithecidae	*Macaca munzala*	Sinha, A., Datta, A., Madhusudan, M. D. & Mishra, C. (2005). *Macaca munzala*: A new species from western Arunachal Pradesh, northeastern India. *International Journal of Primatology*, **26** (4): 977-989: doi:10.1007/s10764-005-5333-3.
Cercopithecidae	*Piliocolobus bouvieri* *Piliocolobus epieni* *Piliocolobus temminckii* *Piliocolobus waldronae*	Mittermeier, R.A., Rylands, A.B., & Wilson, D.E. 2013. *Handbook of the Mammals of the World: Volum 3. Primates*. Lynx Edicions, Barċellona.
